MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tat-3 ta' Novembru, 2005

Rikors Numru. 26/2005

**Carmel Camilleri**

**vs**

**L-Avukat Generali**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ippresentat fil-25 ta' April, 2005, li *in forza* tieghu r-rikorrenti, wara li ppremetta illi:

Permezz ta' sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali tas-6 ta' April, 2005 ir-rikorrenti gie misjub hati talli fix-xhur ta' Ottubru u Novembru 2003, f'diversi postijiet ta' Malta u fil-konfront ta' diversi persuni, bil-hsieb li jtellef jew inaqqas il-gieh ta' Louis Cuschieri, wegga' lill-istess Louis Cuschiri bi kliem u bil-kitba jew b'xi mod

iehor, u dan wara li b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikaturi Kriminali tad-9 ta' Lulju, 2004, din il-Qorti kienet sabet l-istess hati ta' l-akkuzi msemmija.

Jigi sottomess bir-rispett, li kemm il-Qorti tal-Magistrati kif ukoll l-Onorabbli Qorti tal-Appell ma apprezzawx kif kellhom l-obbligu li jaghmlu t-talbiet tar-rikorrenti b'mod li hu gie mcahhad minn **process ta' smigh xieraq**.

Meta tul il-process u precizament fil-25 ta' Frar, 2005 fil-Qorti tal-Magistrati [fol 10 tal-process 156/04DS] ir-rikorrent ghamel it-talba hawn taht riprodotta din giet erronjament michuda b'mod li gie negat lir-rikorrent is-smigh xieraq. Fl-imsemmi rikors kien inghad:

*"Illi fil-kors tal-kawza diversi drabi mix-xhieda saret referenza ghal-kawza fl-ismijiet Mifsud Carmel et vs Cushieri Louis et [1274/02JA] differita ghal-15 ta' Marzu, 2004 u senjatament ghan-nota ta' eccezzjonijiet intavolata mill-kwerelant odjern fejn fil-paragrafu 5 il-kwerellant kien ecepixxa b'dan il-mod:*

*Illi t-talbiet ta' kundanna se mai eventwalment ghandhom jigu ndirizzati fil-konfront tal-konvenut Micallef u dana peress illi sejjer jirrizulta l-inkwiet finanzjarju tas-socjeta' u tal-kontendenti f'dina l-kawza li waslet ghan-nuqqas tal-pagamenti dovuta, giet kawzata principalment minhabba l-agir doluz, abbuziv u llegali da parti tal-konvenut Salvatore Micallef billi dan qabad u svesta u hataf il-makkinarju u effetti tal-kumpannija nkluz il-makkinarju msemmi mill-attur u beda jinnegozja u jhaddem l-istess ghal-beneficcju u vantagg tieghu personali ghad-eskluzjoni u bi pregudizzju tal-kontendenti l-ohra u tas-socjeta' msemmija.*

*Dan hu proprju l-kliem li ghalih saret referenza u ghalhekk hu essenzjali li sabiex il-process odjern ikun integru dan il-process jigi allegat fl-atti tal-kawza odjerna kif solitament isir f'dan it-tip ta' kawzi.*

*Ghaldaqstant, l-esponenti jitlob din il-Qorti ghal-allegazzjoni tal-process imsemmi".*

Il-Qorti tal-Magistrati cahdet it-talba wara li ghamlet referenza ghad-digriet taghha moghti fl-istess gurnata. Id-digriet li ghalih saret referenza jinsab *a fol.* 16 ta' l-imsemmi process fejn jinghad:

*"Wara li kkunsidrat it-talba in dezamina tidher li din hi kemm inammissibli kemm irrelevanti ghal-akkuza in dezamina u dan minhabba dak li jistipula l-artikolu 253(1) u (2) tal-Kodici Kriminali".*

Fis-seduta tal-5 ta' April, 2004 *a fol* 18 *"Dr. David Farrugia Sacco gharraf lill-Qorti li l-fatt li mhux se jigi allegat il-process tal-kawza civili skond id-digriet moghti llum stess, din tista' tilledi d-drittijiet tal-imputat li fih innifsu tkun cahda tad-dritt fundamentali tieghu"*.

Fir-rikors tal-Appell *a fol* 41 taht l-aggravji rega' issemma l-importanza tal-allegazzjoni tal-process ta' kawza *in kwistjoni* ossija citaz. 1274/02 JRM u li b'hekk ir-rikorrent gie mcahhad mis-smigh xieraq. Jinghad specifikament *"allahares naslu li jekk bniedem isemmi kaz il-Qorti jehel ta' mala fama ghax b'hekk zgur li tigi mahnuqa l-liberta' tal-espressjoni".*

Fl-10 ta' Novembru, 2004 *a fol.* 87:

*"Dr. David Farrugia Sacco ghall-imputat jaghmel talba sabiex fil-kawza odjerna jkun hemm l-allegazzjoni tal-process bin-numru tal-citazzjoni 1274/02JRM sabiex ikun hemm il-konferma tal-fatti li ghalihom sejrin jaghmlu referenza l-imputat u x-xhieda li ser jipprovdi l-imputat, li l-allegazzjoni ta' dan l-istess process huwa essenzjali sabiex l-imputat jinghata smigh xieraq fil-kawza"*

L-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-istess data *a fol* 88 iddegretat hekk:

*"Billi diga' saret talba simili lill-ewwel Qorti, liema talba giet michuda, u billi din il-Qorti hi tal-fehma li tali process ma*

*jistax jincidi fuq il-meritu tal-imputazzjoni dedotta kontra l-appellant, tichad it-talba”*.

Meta fis-seduta tat-12 ta’ Jannar, 2005 kien qieghed jixhed Salvu Micallef sar is-segwenti verbal *a fol* 96:

*“Il-partijiet jaqblu li l-kawza citaz. 1274/02JA (gia JRM) imsemmija fil-verbal tal-10 ta’ Novembru, 2004 hija l-kawza li saret referenza ghaliha fix-xhieda li ggib l-ismijiet Carmelo Mifsud et vs Louis Cuschieri et”*.

Minn dan kollu jemergi l-fatt li repetutament li kemm quddiem il-Qorti tal-Magistrati kif ukoll quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali, ir-rikorrent talab l-allegazzjoni tal-process 1274/02 liema talba giet michuda bi ksur ta’ dritt fundamentali tar-rikorrent ghal smigh xieraq *a tenur* tal-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni u Kapitlu 319 – Konvenzjoni Ewropeja artikolu 6. Li gara huwa li kemm l-Qorti tal-Magistrati kif ukoll dik tal-Appell Kriminali bbazaw id-decizjoni taghhom fuq l-artikolu 253 tal-Kodici Kriminali li ma kellu x’jaqsam xejn mat-talba ghall-allegazzjoni tal-process. Infatti dak li kien qieghed isostni r-rikorrent [imputat f’dak il-kaz] kien li kull ma kien ghamel hu, kien li semma li kien hemm kawza fil-Qorti li kienet pendenti u li fiha Louis Cuschieri kien il-konvenut u li fil-kawza kienu ssemmew irregolaritajiet fil-kumpanija nkluz ic-cekkijiet [foloz] b’firem li mhumiex tan-nies li ffirmaw ghalihom.

Infatti hemm distinzjoni kbira bejn it-talba tar-rikorrent ghall-allegazzjoni minn dik tal-prova tal-verita’ tal-fatti. Jigi sottomess bir-rispett li tant kemm ghamlu zball kemm il-Qorti tal-Magistrati kif ukoll l-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali li kieku verament saret l-eccezzjoni tal-verita’ tal-fatti din trid tirrizulta b’mod car kif ukoll din kienet timporta l-inverzjoni tal-provi. Tali talba ma saretx u l-anqas l-inverzjoni tal-provi li propjament l-anqas biss setghet issir fil-kaz *in ezami*. Izda kien dritt tar-rikorrent li *in difiza* tieghu jitlob *in sostenn* ta’ dak li qal li jigi allegat il-process imsemmi. Din b’ebda mod ma tammonta ghal prova tal-verita’ tal-fatti.

*In oltre* kien jinkombi quddiem il-Qorti tal-Magistrati kif ukoll dik tal-Appell Kriminali li jekk stess ma taqbilx mas-sottomissjoni maghmula mir-rikorrent ghal-allegazzjoni tal-process, u tichad talba bazata fuq dritt fundamentali li tiddikjara li tali talba hija frivola u vessatorja [ara Pulizija vs Salim Souhail 4 Mejju 1999] dejjem jekk ma taqbilx maghha ghax altrimenti tkun marbuta li taghmel ir-referenza msemmija fl-artikolu 46 (3) tal-Kostituzzjoni. Tali dikjarazzjoni ma saret qatt u ghalhekk dan ukoll jammonta ghal ksur tad-dritt fundamentali tar-rikorrent.

Naturalment ir-rikorrent ma setax jistitwixxi precedentament l-proceduri odjerni fil-kors kemm tal-kawza quddiem il-Qorti tal-Magistrati kif ukoll quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali minhabba l-proviso 46 (2) tal-Kostituzzjoni.

Ghaldaqstant, ir-rikorrent jitlob lil din l-Onorabbli Qorti li ghar-ragunijiet fuq imsemmija tiddikjara li fil-kors tal-proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza *Il-Pulizija [Spettur Mario Bonello] vs Carmel Camilleri* gew lezi d-drittijiet fundamentali tar-rikorrent meta ma giex accettat li jigi allegat il-process 1274/02 bi ksur tal-artikoli 39 (1) u 46 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea;

U konsegwentament tiddikjara nulli s-sentenzi kemm tas-6 ta' April, 2005 tal-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali, u dik tad-9 ta' Lulju, 2004 tal-Qorti tal-Magistrati, fl-ismijiet *Il-Pulizija vs Carmel Camilleri.*

Rat ir-risposta tal-intimat li *in forza* taghha hu ecepixxa illi:

Preliminarjament l-esponent mhux legittimu kontradittur *in kwantu* huwa ma ghandux kontroll fuq l-andament tal-kawzi u wisq anqas jista' jintrometti ruhu fl-operat tal-Qrati civili ghaliex jekk dan ikun permess il-principju ta' l-indipendenza tal-gudikatura jigi lez.

Subordinatament u minghajr pregudizzju ghal-premess il-fatt li t-talba tar-rikorrent ghal allegazzjoni ta' process civili gie michud kemm mill-Qorti tal-Magistrati kif ukoll mill-

Qorti ta' l-Appell ma jammontax ghal lezjoni tad-dritt ghal smigh xieraq *stante* li sta ghall-Qorti li tara l-ammissibilita' *o meno* ta' process f'dan il-kaz process civili, u fil-fatt fil-kaz tar-rikorrent il-Qorti ta' l-Appell cahdet it-talba ghaliex kienet tal-fehma *"li tali process ma jistax jincidi fuq il-meritu tal-imputazzjoni dedotta kontra l-appellant"*.

Fil-fatt ir-rikorrent inghata smigh xieraq fil-kawza citata minnu u dan jixhdu l-fatt illi t-talba tieghu giet ikkunsidrata minn zewg Qrati u t-tnejn waslu ghall-istess konkluzzjoni.

Ghaldaqstant it-talbiet tar-rikorrent huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontrih.

Rat l-atti tal-kawza *"Il-Pulizija vs Carmel Camilleri"* decis mill-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali fis-6 ta' April, 2005, kif ukoll l-atti tal-kawza *"Carmel Mifsud et vs Louis Cuschieri et"*, citazzjoni numru 1274/02/JA, li tinsab pendenti quddiem din il-Qorti (Sede Civili), diversament preseduta, u li tinsab differita ghas-seduta tas-30 ta' Novembru, 2005;

Rat l-atti kollha ta' din il-kawza u d-dokumenti esebiti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat li din il-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi r-rikorrenti kien gie mressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali mill-Pulizija Ezekuttiva talli fix-xhur ta' Ottubru u Novembru 2003, f'diversi postijiet ta' Malta u fil-konfront ta' diversi persuni, bil-hsieb li jtellef jew inaqqas il-gieh ta' Louis Cuschieri, wegga' lill-istess Louis Cuschieri bi kliem u bil-kitba jew b'xi mod iehor.

Fil-kors tal-kawza, ir-rikorrent, akkuzat f'dawk il-proceduri, talab li jkun allegat il-process tal-kawza civili fl-ismijiet "Mifsud et vs Cuschieri et" *"sabiex ikun hemm il-konferma tal-fatti li ghalihom sejrin jaghmlu riferenza l-imputat u x-*

*xhieda li ser jipprovdi l-imputat”*. Kemm il-Qorti tal-Magistrai (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali, kif ukoll l-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali cahdu din it-talba tieghu. Ir-rikorrent issa qed jallega li b’din ic-cahda gie *res* id-dritt tieghu ghal-smigh xieraq.

Din il-Qorti, bla esitazzjoni, tqies li l-ilment tar-rikorrent huwa infondat. L-ewwel nett jinghad li r-rikorrent gie akkuzat b’ingurja taht l-artikolu 252 tal-Kodici Kriminali, u allura l-Qorti, fis-smiegh tal-provi, trid tillimita l-provi ghal-dak li hu strettament rilevanti ghal dak ir-reat. Mhux kompitu tal-Qorti Kriminali li tisma’ kull ma jridu jghidu jew jissottomettu l-prosekuzzjoni u d-difiza, izda trid toqghod ghal-dak li tipprovdi l-ligi. Issa, f’kaz ta’ reat ta’ ingurja, id-difiza tal-verita’ tal-fatti mhux permessa hlief fil-kazijiet kontemplati fl-artikolu 253(2) tal-Kodici Kriminali, u *cioe’*,

*“(a) jekk l-offiz ikun ufficjal jew impjegat pubbliku, u l-fatt attribwit lilu jkollu x’jaqsam ma’ l-ezercizzju tad-dmirijiet tieghu, u jekk l-imputat, fil-bidu tas-smigh tal-kawza, jiehu r-responsabbilita’ ta’ l-ingurija u jiddikjara illi b’difiza tieghu jrid jaghmel il-prova tal-verita’ tal-fatt attribwit minnu lill-offiz:*

*Izda din id-disposizzjoni ma tghoddx fil-kaz tar-reati ikkuntemplati fl-artikoli 93 u 95;*

*(b) jekk il-kwerelant jitlob formalment illi fis-smigh tal-kawza jigi wkoll zgurat jekk hux veru jew falz il-fatt attribwit lilu”*.

Kemm l-ewwel Qorti kif ukoll l-Onorabbli Qorti tal-Appell qiesu li dawn ic-cirkustanzi mhumiex applikabbli ghal-kaz *in ezami*, u *kwindi* cahdu t-talba tal-imputat biex iressaq dik il-prova. Il-prova li dak li qal l-akkuzat, u li kien il-meritu tal-kawza, kien veru jew intqal min xi hadd iehor huwa irrilevanti f’kaz ta’ akkuza ta’ ingurija fejn ma japplikawx ic-cirkustanzi fuq indikati. Dan hu principju ben stabbilit fis-sistema gudizzjarja taghna, u anke jekk, fil-konfront ta’ persuna mhux koperta bl-artikolu 253(2), certi fatti huma veri, u dan jirrizulta bla ebda dubju, mhux lecita li persuna ohra ixxandar dawk il-fatti mal-erbat tirjieh jekk

huma malafamanti jew ingurjuzi ghal dik il-persuna. (ara, per ezempju, “Mizzi vs Montanaro”, decisa mill-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali fis-27 ta’ Gunju, 1959).

F’dan il-kaz, ma jirrizultax li l-kwerelant ingurjat kien qed jiehu parti f’xi attivita’ politika, u *kwindi* kull prova li tincidi fuq il-verita tal-fatti kienet irrilevanti u inammissibbli.

Il-fatt li xi haga intqalet jew giet allegata f’kawza civili, ma jfissirx li persuna ohra tista’ xxandar fost il-pubbliku dak li intqal jew jigi allegat. Jekk imputat jqies li dak li hu stqarr pubblikament kien kopert b’xi privilegg stabbilit b’xi ligi, kellu d-dmir li jinvoka dak il-privilegg, u b’riferenza specifika ghal-ligi li jkun qed jinvoka, iressaq difisa f’dak is-sens. Jekk persuna tkun biss qed tirraporta diskors jew taghmel xi riferenza ghal xi att kopert bi privilegg, trid tinvoka dak il-privilegg biex il-Qorti tkun tista’ tezamina l-provvedimenti tal-ligi invokati u tara jekk humiex applikabbli ghal-kaz *in ezami*. F’dan il-kaz, l-imputat, f’ebda stadju ma invoka xi privilegg, u allura c-cirkustanza li dak minnu intqal, kien intqal minn persuna ohra jew jinsab allegat f’kawza civili, ma jnaqqas xejn mill-element tar-reat. Jekk l-akkuzat ried iwaqqa l-akkuza kontrih billi, per ezempju, jinvoka l-artikolu 33 tal-Att dwar l-Istampa, kellu kull opportunita’ jaghmel dan f’kull stadju tal-proceduri kriminali li ittiehdu kontra tieghu, izda jekk ma riedx jew naqas li jressaq din id-difiza, ma jistax, wara, jilmenta li kellu nuqqas ta’ smigh xieraq.

*Inoltre*, jekk l-imputat hass li dak li jirrizulta mill-atti tal-kawza civili kien ta’ ghajnuna ghalih, ma kienx necessarju li jinsisti fuq l-allegazzjoni tal-process. L-atti ta’ kawza civili huma pubblici, u l-imputat setgha facilment jitlob, u kien jinghata, kopji ufficcjali tad-dokumenti li ried juza. Fil-kors tax-xhieda tieghu, l-imputat ikun, imbaghad, fi grad li jsostni x-xhieda tieghu b’riferenza ghal-dokumenti li jkun jista’ jesebixxi – dejjem jekk ikunu rilevanti ghal-kwistjoni.

Ir-rikorrent jghid li hu ma kienx qed jecepixxi formalment id-difiza tal-verita’ tal-fatti; dan, *pero’*, hu kontradett mill-istess rikorrent ghax, quddiem il-Qrati Kriminali, meta talab l-allegazzjoni tal-process tal-kawza civili, huwa

immotiva t-talba tieghu *"sabiex ikun hemm il-konferma tal-fatti"*. Jidher car, allura, li l-bazi tat-talba kienet marbuta ma' din id-difiza li, fic-cirkustanzi, giet meqjusa mill-Qorti bhala irrilevanti.

Kif inghad, il-provi imressqa jridu jkunu rilevanti ghal kaz *in ezami*, u sta ghal-Qorti li tkun qed tisma l-kaz li tuza d-diskrezzjoni taghha billi ma tippermettix il-produzzjoni ta' xhieda irrilevanti (ara wkoll il-pricipju ta' *"national procedural autonamy"* kif espost mill-Qorti Ewropea tal-Gustizzja fil-kaz Comet decis l-1976 (ECR 2043)). Ir-rikorrent kellu opportunita' jispjega l-motiv tat-talba tieghu kemm quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, kemm quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali; fiz-zewg istanzi, it-talba tieghu giet michuda, u ma jirrizultax lil din il-Qorti li dik id-decizjoni hija manifestament zbaljata li timmerita intervent gudizzjarju minn din il-Qorti.

Fid-dawl tal-opportunitajiet li kienu miftuha lill-imputat u fid-dawl tal-provvedimenti tal-ligi (li mhux qed jigu impunjati) u ta' kif svolgew il-proceduri quddiem il-Qrati Kriminali, din il-Qorti ma ssibx li r-rikorrent / imputat gie mcahhad mid-dritt tieghu ghal smigh xieraq.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-kawza billi tichad it-talbiet tar-rikorrent.

L-ispejjes tal-kawza jithallsu kollha mir-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------